

Brussell, 27 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13935/19

JEUN 129
EDUC 445
SPORT 97
EMPL 558
SOC 737
DIGIT 164
SUSTDEV 160

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 12681/19 +COR1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Ħidma Diġitali Fost iż-Żgħażaġħ

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet dwar il-Ħidma Diġitali fost iż-Żgħażaġħ, kif adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill (EYCS) fil-21 u t-22 ta' Novembru 2019.

Il-Ħidma Diġitali fost iż-Żgħażaġħ
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGħIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

JAGħRFU LI

1. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh jikkontribwixxu għall-iżvilupp innovattiv tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa u għandhom isiru sforzi msaħħa biex tissokta l-ħidma f'din it-triq.
2. Il-litteriżmu diġitali u ħiliet oħra tas-seklu 21 għandhom rwol kruċjali fl-indipendenza, l-inklużjoni soċjali, l-impjegabbiltà u l-ħajja ta' kuljum taż-żgħażaġh. Iż-żgħażaġh għandhom kompetenzi differenti li jippermettulhom joperaw f'ambjent diġitalizzat. Madankollu, iż-żgħażaġh kollha ser ikollhom bżonn approċċ aġili, flessibbli u kritiku għat-teknoloġija diġitali fil-ħidma futura tagħhom u fil-ħajja ta' kuljum.
3. Id-distakk diġitali jeħtieġ li jitnaqqas.¹ Iż-żgħażaġh kollha għandu jkollhom opportunitajiet indaqs biex itejbu l-kompetenzi diġitali tagħhom, irrispettivament mill-ambjent minn fejn jiġu².
4. Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh tista' tgħin biex jinkisbu l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġh³.
5. Jeħtieġ li jiġu indirizzati d-differenzi bejn is-sessi fil-kompetenzi diġitali u l-involvement fattivitajiet diġitali, bħalma għandhom jiġu indirizzati l-isterjotipi relatati mal-użu tat-teknoloġiji diġitali.

¹ "Id-distakk diġitali" jinkludi espliċitament l-aċċess għall-ICTs, kif ukoll il-ħiliet relatati li huma meħtieġa biex wieħed jieħu sehem fis-soċjetà tal-informazzjoni.

² "Id-distakk diġitali" jista' jiġi kklassifikat skont is-sess, l-età, l-edukazzjoni, id-dħul, il-gruppi soċjali jew il-post ġeografiku.

³ L-Anness 3 għall-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ 2019-2027

6. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh għandha potenzjal kbir li tippermetti t-tagħlim mill-esperjenza f'ambjent mhux formali u li tinvolvi liż-żgħażaġh f'attivitajiet li jsaħħu l-kompetenzi diġitali u l-litteriżmu medjatiku tagħhom. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh tista' tinvolvi wkoll liż-żgħażaġh li jinsabu f'riskju li jitħallew lura f'soċjetà diġitalizzata.
7. L-approċċi, l-għanijiet, il-prinċipji u l-limiti professjonali tal-ħidma fost iż-żgħażaġh għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni u l-impatt tagħhom għandu jiġi vvalutat f'dan id-dawl.
8. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh tagħti s-setgħa liż-żgħażaġh biex ikunu attivi u kreattivi fis-soċjetà diġitali, biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati u motivati, u biex jieħdu r-responsabbiltà u l-kontroll tal-identità diġitali tagħhom. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh tista' tgħin ukoll liż-żgħażaġh jiffaċċjaw riskji online relatati mal-imġiba, il-kontenut, il-kuntatt u l-kummerċjaliżmu⁴, inkluż id-diskors ta' mibegħda, il-bullying ċibernetiku, id-diżinformazzjoni u l-propaganda.
9. Id-diġitalizzazzjoni tal-ħidma fost iż-żgħażaġh spiss ġiet mifhuma bħala l-użu tal-media soċjali. Madankollu, teknoloġiji diġitali ġodda qed jiffaċċjaw b'mod rapidu. L-intelliġenza artifiċjali, ir-realtà virtwali, ir-robotika u t-teknoloġija blockchain, fost l-oħrajn, qed jaffettwaw lis-soċjetajiet tagħna lil hinn mill-isfera tal-komunikazzjoni. Mhux biss huma meħtieġa kompetenzi diġitali bażiċi, iżda huma importanti wkoll il-kompetenzi diġitali speċifiċi li jsaħħu l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh. Il-ħidma maż-żgħażaġh għandha tkun kapaċi tindirizza l-isfidi tal-konverġenza bejn l-ambjenti diġitali u fiżiċi u tibbenefika mill-opportunitajiet offruti mit-trasformazzjoni diġitali, filwaqt li fl-istess ħin tiffaċċa l-isfidi fir-rigward tas-servizzi.
10. L-avvanzi rapidi fil-media u t-teknoloġija diġitali f'dawn l-aħħar snin influwenzaw ukoll il-ħidma fost iż-żgħażaġh. Madankollu, għadd sinifikanti ta' Prattikanti tal-ħidma fost iż-żgħażaġh ma għandhomx il-kompetenzi u l-għarfien diġitali biex jagħmlu l-aqwa użu possibbli mit-teknoloġiji diġitali biex iwettqu ħidma ta' kwalità għolja fost iż-żgħażaġh minħabba raġunijiet finanzjarji, strutturali, materjali jew amministrattivi.

⁴ <https://www.childnet.com/ufiles/Supporting-Young-People-Online.pdf>

11. Ħafna dokumenti ta' politika dwar iż-żgħażaġħ huma nieqsa minn tbassir dwar kif id-diġitalizzazzjoni ser tolqot lis-soċjetà, liż-żgħażaġħ u l-ħidma fost iż-żgħażaġħ. Ħafna strateġiji huma wkoll nieqsa minn approċċ olistiku lejn l-iżvilupp tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ fl-era diġitali.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FIL-LIVELLI XIERQA, BIEX

12. Jippromwovu u jiżviluppaw politiki u strateġiji taż-żgħażaġħ li jistinkaw biex ikunu proattivi fir-rigward tal-iżvilupp teknoloġiku u d-diġitalizzazzjoni. Meta jitfasslu politiki li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażaġħ, jenħtieġ li jitqiesu u jiġu vvalutati l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq is-soċjetajiet, inklużi l-prattiki u s-servizzi tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ. Għal dak il-għan, għandha tiġi intensifikata l-kooperazzjoni transsettorjali bejn is-setturi rilevanti tal-politika u l-partijiet ikkonċernati.
13. Jinkludu, fejn applikabbli, fl-istrateġiji tagħhom għaż-żgħażaġħ jew fi pjanijiet ta' politika rilevanti oħra, għanijiet ċari u passi konkreti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġħ u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha fuq iż-żgħażaġħ u l-ħidma fost iż-żgħażaġħ. Dawn l-għanijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-għarfien, l-evidenza u d-data rigward il-kompetenzi diġitali taż-żgħażaġħ, u l-ħtiġijiet għas-servizzi ta' ħidma fost iż-żgħażaġħ.
14. Jinkoraġġixxu l-ħidma fost iż-żgħażaġħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ biex isegwu dawn l-għanijiet filwaqt li jiżviluppaw l-attivitajiet u s-servizzi diġitali tagħhom f'konformità mal-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u biex jużaw metodoloġiji innovattivi biex jappoġġaw il-kisba tal-eżiti tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ, inkluż permezz ta' ħidma diġitali fost iż-żgħażaġħ.
15. Jikkunsidraw, fejn xieraq, approċċi sperimentali u innovattivi u mudelli ġodda ta' kooperazzjoni, biex iwettqu attivitajiet u servizzi tal-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġħ.

16. Jinvestu flinji gwida u jistabbilixxuhom għall-bini ta' kapaċità diġitali fost il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet li jagħmlu xogħol maż-żgħażaġh, fejn meħtieġ. Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh tista' tiġi integrata kemm fil-kurrikuli professjonali għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh kif ukoll fit-taħriġ għall-voluntiera, u tista' tiġi inkorporata fl-edukazzjoni u t-taħriġ kontinwi tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh.
17. Jinkoraġġixxu lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u liż-żgħażaġh biex iżidu u jtejbu l-kompetenzi diġitali tagħhom fi proċess ta' taġlim konġunt.
18. Jippromwov u-użu ta' materjali eżistenti⁵ u jiżviluppaw materjali ġodda ta' ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh u taħriġ għal persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh billi jsir użu, fost l-oħrajn, mil-lista tal-ħtiġijiet ta' taħriġ proposta mill-grupp ta' esperti⁶ stabbilit taħt il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ għall-2016-2018. Barra minn hekk, jiġi organizzat taħriġ dwar l-iżvilupp strateġiku tal-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh.
19. Joħolqu l-ispazju u l-kondizzjonijiet għall-esperimentazzjoni biex jiżviluppaw għodod u servizzi diġitali fil-ħidma fost iż-żgħażaġh, u biex jiġbru flimkien il-ħidma fost iż-żgħażaġh, ir-riċerka dwar iż-żgħażaġh u s-settur tal-ICT fl-iżvilupp ta' prattiki ta' ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh li jirnexxu u l-kondiviżjoni tal-esperjenzi.
20. Jipprovdu opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jipprattikaw u jtejbu l-kompetenzi diġitali f'diversi ambjenti ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, inkluż oqsma ewlenin ta' kompetenza diġitali kif elenkat fil-Qafas dwar il-Kompetenza Diġitali DigComp 2.1: il-litteriżmu fl-informazzjoni u fid-data; il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni; il-ħolqien tal-kontenut; is-sikurezza; u s-soluzzjoni tal-problemi. Il-modalitajiet ta' taġlim jistgħu jinkludu t-taġlim esperjenzali, il-mentoraġġ invers u l-kooperazzjoni interġenerazzjonali.

⁵ Eż. is-sett ta' għodod Salto għal taħriġ u ħidma fost iż-żgħażaġh, <https://www.salto-youth.net/tools/toolbox/>

⁶ Il-ħtiġiet tat-taħriġ definiti mill-grupp ta' esperti dwar "Ir-riskji, l-opportunitajiet, u l-implikazzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni għaż-żgħażaġh, il-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-politika dwar iż-żgħażaġh" jinkludu 1. Id-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà, 2. L-ippjanar, it-tfassil u l-evalwazzjoni tal-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh, 3. Il-litteriżmu fl-informazzjoni u fid-data, 4. Il-komunikazzjoni, 5. Il-kreattività diġitali, 6. Is-sikurezza u 7. Ir-riflessjoni u l-evalwazzjoni (<https://publications.europa.eu/s/fouj>)

21. Jagħtu s-setgħa liż-żgħażaġh, inkluż dawk li jħossu li mhux qegħdin jinstemgħu u/jew li għandhom inqas opportunitajiet, biex jipparteċipaw b'mod attiv fi proċessi demokratiċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, billi jinvolvuhom f'forom diġitali u f'forom innovattivi u alternattivi oħrajn ta' parteċipazzjoni demokratika.
22. Iqisu l-ostakli kollha, inkluż il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u l-isterjotipi tas-sessi, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-opportunitajiet u l-motivazzjoni taż-żgħażaġh biex jiksbu kompetenza diġitali matul l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-perkorsi professjonali tagħhom, u biex iwettqu studji u karrieri fix-xjenza, it-teknoloġija, l-arti, l-inġinerija u l-matematika (STEAM).
23. Issaħħu r-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh biex jiġi appoġġat l-użu kreattiv tat-teknoloġija miż-żgħażaġh u jingħataw il-ħiliet biex ikunu kemm konsumaturi kritiċi kif ukoll kreaturi attivi f'termini teknoloġiċi.
24. Jippromwovu aċċess aħjar għaż-żgħażaġh, b'mod partikolari dawk li għandhom inqas opportunitajiet u dawk li jgħixu f'żoni rurali u remoti, jew fejn aċċess wiċċ imb'wiċċ ma jkunx fattibbli, għal servizzi ta' ħidma fost iż-żgħażaġh permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali.
- JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX*
25. Jinkoraġġixxu l-iskambju tal-aħjar Prattiki fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' strateġiji diġitali, inkluż bl-użu tal-opportunitajiet ipprovduti mill-Erasmus+ u strumenti ta' finanzjament rilevanti oħra tal-UE.
26. Jippromwovu u jagħmlu użu mill-pjattaformi diġitali u fiżiċi eżistenti għal attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari dwar l-użu tat-teknoloġija diġitali fil-ħidma fost iż-żgħażaġh bħala għodda, attività jew kontenut.

27. Jorganizzaw avvenimenti li jressqu flimkien liż-żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, l-esperti, ir-riċerkaturi u personalitajiet mis-settur tal-ICT biex isibu modi u approċċi ġodda għall-użu tat-teknoloġija fil-ħidma fost iż-żgħażaġh.
28. Iħeġġu u jappoġġaw riċerka madwar l-Ewropa kollha biex jiżdied l-għarfien dwar l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq iż-żgħażaġh u l-ħidma fost iż-żgħażaġh.
29. Itejbu l-kompetenzi diġitali permezz ta' tagħlim u taħriġ mhux formali, b'kont meħud tal-proċess ta' aġġornament tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali bil-ħsieb li jiġi estiż għall-ħidma fost iż-żgħażaġh.
-

A. Referenzi

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill jieħu nota tad-dokumenti li ġejjin:

1. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh (2017/C 418/02)
2. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tat-tfal fid-dinja diġitali (ĠU C 372, 20.12.2011, p. 15–18)
3. Grupp ta' esperti stabbilit taħt il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ għall-2016-2018 dwar ir-Riskji, l-opportunitajiet u l-implikazzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni għaż-żgħażaġh, il-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-politika dwar iż-żgħażaġh: L-iżvilupp ta' ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh - Rakkomandazzjonijiet ta' politika u ħtiġijiet ta' taħriġ (2017);
4. Kummissjoni Ewropea. DigComp 2.1: The Digital Competence Framework for Citizens with eight proficiency levels and examples of use (2017) (mhux disponibbli bil-Malti);
5. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, COM(2018) 22 final;
6. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Strateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal (COM/2012/0196 final)
7. Kummissjoni Ewropea. Study on the Impact of the Internet and Social Media on Youth Participation and Youth Work (2018) (mhux disponibbli bil-Malti);
8. Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (2018/C 456/01)
9. Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data - GDPR), (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88)

10. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (2018/C 189/01)
11. Ir-rapport tal-EIGE "L-ugwaljanza bejn is-sessi u ż-żgħażaġh: l-opportunitajiet u r-riskji tad-diġitalizzazzjoni" (14348/18 ADD 2)
12. Screenagers: Using ICT, digital and social media in youth work (mhux disponibbli bil-Malti). A review of research findings from Austria, Denmark, Finland, Northern Ireland and the Republic of Ireland (2016) (mhux disponibbli bil-Malti)
13. Rapport ta' Simpożju ta' Sħubija taż-Żgħażaġħ UE-KtE - "Connecting the dots: Young people, social inclusion and digitalization (Tallinn, 26-28 ta' Ġunju 2018) (mhux disponibbli bil-Malti)

B. Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill:

- "Kompetenzi diġitali" tinvolvi l-użu kunfidenti, kritiku u responsabbli tat-teknoloġiji diġitali u l-involvement tagħhom għat-tagħlim, fuq il-post tax-xogħol, u għall-parteciġazzjoni fis-soċjetà. Din tinkludi [...] litteriżmu fl-informazzjoni u d-data, il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni, il-litteriżmu fil-media, il-ħolqien ta' kontenut diġitali (inkluż l-ipprogramar), is-sikurezza (inklużi l-benesseri diġitali u l-kompetenzi relatati maċ-ċibersigurtà), kwistjonijiet relatati mal-propjetà intellettuali, [...] is-soluzzjoni tal-problemi u l-ħsieb kritiku. (Sors: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (2018/C 189/01)
- "Ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh" tfisser l-użu proattiv jew l-indirizzar tal-media u t-teknoloġija diġitali fil-ħidma fost iż-żgħażaġh. Il-media u t-teknoloġija diġitali jistgħu jkunu għodda, attività jew kontenut fil-ħidma fost iż-żgħażaġh. Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh mhijiex metodu ta' ħidma fost iż-żgħażaġh. Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh tista' tiġi inkluża fi kwalunkwe ambjent ta' ħidma fost iż-żgħażaġh u għandha l-istess għanijiet bħall-ħidma fost iż-żgħażaġh b'mod ġenerali. Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh tista' ssir f'sitwazzjonijiet wiċċ imb'wiċċ jew f'sitwazzjonijiet online, jew f'taħlita tat-tnejn. Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh hija msejsa fuq l-istess etika, valuri u prinċipji bħall-ħidma fost iż-żgħażaġh. (Sors: <https://publications.europa.eu/fi/publication-detail/-/publication/fbc18822-07cb-11e8-b8f5-01aa75ed71a1>)

- "Distakk diġitali" tirreferi għad-distinzjoni bejn dawk li għandhom aċċess għall-internet u li huma kapaċi jagħmlu użu minn servizzi ġodda offruti fuq il-World Wide Web, u dawk li huma esklużi minn dawn is-servizzi. Fuq livell bażiku, il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-intrapriżi fis-soċjetà tal-informazzjoni tiddependi fuq l-aċċess għall-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT), jiġifieri l-preżenza ta' tagħmir elettroniku, bħal kompjuters, u konnessjonijiet tal-internet. It-terminu jinkludi espliċitament l-aċċess għall-ICTs, kif ukoll il-ħiliet relatati li huma meħtieġa biex wieħed jieħ u sehem fis-soċjetà tal-informazzjoni. Id-distakk diġitali jista' jiġi kklassifikat skont il-kriterji li jiddeskrivu d-differenza fil-parteċipazzjoni skont is-sess, l-età, l-edukazzjoni, id-dħul, il-gruppi soċjali jew il-post ġeografiku. (Sors: https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Glossary:Digital_divide)
-